# 3 Alla jsejjaħ lill-komunità għall-indiema u l-maħfra

FRAR – MARZU 2024

Matul il-jiem tar-Randan, sa tard billejl, fil-knejjes tar-Reliġjużi rġiel ikun hemm id-disponibbiltà tal-qrar.

**14 ta' Frar:** Bidu tar-Randan Imqaddes. Isir kuljum it-talb tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum jew l-Għasar.

**15-17 ta' Frar:** Seminar ta' formazzjoni għas-saċerdoti dwar is-Sagrament tal-Qrar.

Bidu tal-katekeżi taż-żgħażagħ 10K.

Laqgħat ta' katekeżi għal dawk kollha li jieħdu sehem fil-purċissjonijiet marbuta mar-Randan, il-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid.

Eżerċizzi bis-suġġett tar-Rikonċiljazzjoni kif ukoll Eżerċizzi b'differenza fid-djar, flimkien ma' outreach fi ħwienet u realtajiet 'il barra mill-parroċċa bl-għajnuna tal-Fraternità Ġesù u Marija.

**17 ta' Marzu:** Via Crucis Djoċesana u Penitenzjali fuq l-għolja Ta' Għammar.

**18-22 ta' Marzu:** Fil-parroċċi jiġi ċċelebrat is-Sagrament tal-Qrar għad-diversi kategoriji.

**25 ta' Marzu:** Ċelebrazzjoni Penitenzjali għas-saċerdoti kollha fis-Santwarju Ta' Pinu.

# 4 Ġesù rxuxtat jistieden għall-ferħ

APRIL – ĠUNJU 2024

**Mill-1 ta' April:** Tberik tad-djar, u tal-postijiet tax-xogħol.

**10 ta' Mejju:** Novena ta' Għid il-Ħamsin: il-frott tar-Rikonċiljazzjoni.

**18 ta' Mejju:** Ċelebrazzjoni tal-Velja ta' Għid il-Ħamsin u għeluq tas-Sena Pastorali.

# IBQA' MAGĦNA, MULEJ

**Luqa 24:29**

**Pjan Pastorali Djoċesan 2023-2024**

*Għal iktar tagħrif u aġġornamenti*

DJOĊESI TA GĦAWDEX

Ibqa' magħna, Mulej

*“Ibqa’ magħna, Mulej”* hija talba bi tħejjija għas-sena tal-Ġublew Ordinarju tal-2025, kif talabna l-Papa Franġisku nnifsu. *“Ibqa’ magħna, Mulej”* hija t-tema tas-Sena Pastorali tagħna b’enfasi fuq is-Sagrament tal-Qrar, bi tħejjija għas-Sena 2024-2025, is-Sena tat-Tama, is-Sena tal-Ewkaristija.

## 1 Il-Kelma ta’ Alla li tiġbor il-komunità

SETTEMBRU – NOVEMBRU 2023

Fil-parroċċi u knejjes tingħata importanza lill-konfessjonarju u lill-eżami tal-kuxjenza li jsir kuljum waqt il-quddiesa.

Fil-quddies kollu tal-Ħadd ikun hemm saċerdot disponibbli għall-qrar, qabel, waqt u wara l-quddiesa.

**16 ta’ Settembru:** L-Anniversarju tat-Twaqqif tad-Djoċesi u l-Ftuħ tas-Sena Pastorali. Tixxandar l-Ittra Pastorali fil-knejjes kollha.

Fil-parroċċi, bidu tal-laqgħat ta’ katekeżi tal-adulti, l-għaqdiet Insara – il-Leġjun ta’ Marija, l-Azzjoni Kattolika, il-Museum, il-Lectio Divina, il-Komunitajiet Ewkaristiċi, il-Komunitajiet Neokatekumenali, u l-gruppi tal-koppji.

Bidu tal-katekiżmu taż-żgħar, tal-Ewwel Tqarbina, tal-Konfirmazzjoni, tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ, tal-Mixja tal-Għarajjes, u tal-laqgħat bi tħejjija għall-Magħmudija.

Bidu tal-laqgħat għall-ġenituri ta’ dawk li ser jirċievu s-sagramenti tal-Ewkaristija, ir-Rikonċiljazzjoni u l-Konfirmazzjoni fl-2024.

Fl-ewwel Ħamis jew Ġimgħa tax-xahar issir Adorazzjoni bid-disponibbiltà tal-qrar. Jiġu ttrattati suġġetti marbuta mal-imġiba tajba tan-Nisrani.

**23, 24, 25 u 26 ta’ Novembru:** Solennità ta’ Kristu Sultan tal-Ħolqien kollu: Rikonċiljazzjoni ma’ Alla, magħna nfusna, mal-oħrajn u mal-ħolqien.

## 2 Il-komunità li tishar fit-talb

DIĊEMBRU – FRAR 2023 2024

**2 u 3 ta’ Diċembru:** Bidu tal-Avvent Imqaddes. Isir kuljum it-talb tat-Tifħir ta’ Sbiħ il-Jum jew tal-Għasar.

Jitqassam il-ktieb *Ejjew nitolbu* lil kull familja u l-ktieb tal-Liturġija tas-Sigħat lill-membri tal-għaqdiet.

Matul il-jiem tal-Avvent, sa tard billejl, fil-knejjes tar-Reliġjużi rġiel ikun hemm id-disponibbiltà tal-qrar.

Tibda l-Lectio Divina ta’ kull ġimgħa fis-Santwarju Ta’ Pinu u fil-parroċċi (li tibqa’ għaddejja sa Pentekoste).



**15 ta’ Diċembru:** Tibda n-Novena tal-Milied imnebbħa mill-persunaġġi tal-presepju, f’għeluq it-800 sena minn meta San Franġisk ta’ Assisi għamel l-ewwel presepju fi Greccio. Tiġi ddedikata ġurnata għas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.

**24 ta’ Diċembru:** Ċelebrazzjoni tal-Milied: Fil-Quddiesa ta’ Nofsillejl, il-Prietka tradizzjonali tat-tifel tiffoka fuq il-Kelma magħmula bniedem li tirrikonċiljana.

**21 ta’ Jannar:** Il-Ħadd tal-Kelma ta’ Alla. Intronizzazzjoni tal-Kelma ta’ Alla, li tista’ ssir ukoll fil-familja.

**24 ta’ Jannar:** Servizz Ekumeniku matul il-Ġimgħa ta’ Talb għall-Għaqda fost l-Insara, bit-tema tat-talb u r-rikonċiljazzjoni.

**9 u 10 ta’ Frar:** Wegħda tal-fidi tal-ġenituri tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina u l-Konfirmazzjoni.